SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

24 ta' Ġunju 2010 *

Fil-Kawża C-51/09 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fit-3 ta' Frar 2009,

Barbara Becker, residenti f'Miami (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn P. Baronikians, avukat,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Harman International Industries Inc., stabbilita f'Northridge, (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn M. Vanhegan, barrister,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn G. Schneider, bħala aġent,

konvenut fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn J .-C. Bonichot, President tal-Awla, C. Toader, K. Schiemann, P. Kūris (Relatur) u L. Bay Larsen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P . Cruz Villalón,
Reġistratur: C . Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Frar 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Bl-appell tagħha, B. Becker titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li mill-1 ta' Diċembru 2009 saret il-Qorti Ġenerali), tat-2 ta' Diċembru 2008, Harman International Industries vs UASI — Becker (Barbara Becker) (T-212/07, Ġabra p. II-3431, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li biha l-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni (UASI), tas-7 ta' Marzu 2007 (Każ R 502/2006-1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), li kienet annullat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal- Oppożizzjoni li laqgħet l-oppożizzjoni mressqa minn Harman International Industries Inc. (iktar 'il quddiem "Harman") kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Komunitarja Barbara Becker.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146) jipprovdi li:

"Jekk issir opposizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark m'għandhiex tiġi milqugħa:

[…]

b) jekk minħabba identiċità jew xebħ bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabilta' ta' konfużjoni minn naħa tal-publiku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta; il-probabiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti."

3 Skont l-Artikolu 8(2)(a) tar-Regolament Nru 40/94, "Trade marks preċedenti" tfisser, b'mod partikolari, trade marks Komunitarji b'data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li tiġi qabel dik tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

4 Fid-19 ta' Novembru 2002, B. Becker ippreżentat lill-UASI applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Barbara Becker bħala trade mark Komunitarja.

5 Il-prodotti li għalihom intalbet ir-reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassi 9 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-registrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Gunju 1957, kif irrivedut u emendat, u jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja:

"Apparat u strumenti xjentifiċi, tal-baħar, għal skopijiet ta' sondaġġi, tal-elettriku, fotografiċi, ċinematografiċi, ottiċi, li jiżnu, li jkejlu, li jissenjalaw, li jivverifikaw (superviżjoni), tas-salvataġġ u tat-tagħlim; apparat għar-reġistrazzjoni, trażmissjoni u riproduzzjoni ta' ħsejjes jew stampi; tagħmir li jġorr id-data b'mod manjetiku, diski għar-reġistrazzjoni; magni tal-bejgħ awtomatiċi u mekkaniżmi għal apparat imħaddem bil-muniti; cash registers, magni li jikkalkulaw, tagħmir għall-ipproċessar tad-data u kompjuters".

6 Fl-24 ta' Ġunju 2004, Harman International Industries Inc., ressqet oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark Barbara Becker għall-prodotti kollha koperti minnha, skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 u l-Artikolu 8(5) tal-istess regolament. L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade mark Komunitarja verbali BECKER ONLINE PRO Nru 1823228, irreġistrata fl- 1 ta' Lulju 2002, u fuq l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tat-2 ta' Novembru 2000, tat-trade mark verbali BECKER Nru 1944578, irreġistrata fis-17 ta' Settembru 2004, li tkopri wkoll diversi prodotti li jaqgħu taħt l-imsemmija klassi 9.

7 Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Frar 2005, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI, filwaqt li aċċettat li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks konfliġġenti, laqgħet l-oppożizzjoni ta' Harman. Hija qieset li l-prodotti koperti minn dawn it-trade marks kienu identiċi u li dawn it-trade marks kienu globalment jixxiebhu fis-sens li kienu jippreżentaw, minn naħa, livell medju ta' xebh viżiv u fonetiku u, minnaħa l-oħra, identiċità mill-aspett kunċettwali inkwantu kienu jirreferu għall-istess kunjom.

8 Fil-11 ta' April 2006, B. Becker ippreżentat appell minn din id-deċiżjoni, li ġiet annullata bid-deċiżjoni kkontestata. Fiha, l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI (iktar 'il quddiem il-"Bord tal-Appell") qies li l-prodotti koperti mit-trade marks konfliġġenti kienu parzjalment identiċi u parzjalment jixxiebhu. Huwa għamel distinzjoni bejn il-prodotti intiżi għall-pubbliku ġenerali, dawk intiżi għall-professjonisti u dawk li, intiżi għaż-żewġ gruppi, kienu jikkostitwixxu kategorija intermedjarja.

9 Fir-rigward tas-sinjali konfliġġenti, il-Bord tal-Appell qabbel biss it-trade mark verbali preċedenti BECKER u t-trade mark Barbara Becker li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni. Huwa kkonstata li kien jeżisti biss ċertu grad ta' xebh viżiv u fonetiku bejn l-imsemmija sinjali u qies li dawn is-sinjali kienu, madankollu, fuq livell kunċettwali, distinti b'mod ċar fil-Ġermanja u fil-pajjiżi l-oħra tal-Unjoni Ewropea minħabba l-fatt li l-pubbliku rilevanti kien jipperċepixxi t-trade mark Barbara Becker fl-intier tagħha, pjuttost li bħala l-assoċjazzjoni ta' "Barbara" u ta' "Becker". Huwa rrileva wkoll li B. Becker kienet magħrufa fil-Ġermanja, filwaqt li l-kunjom "Becker" kien kunjom komuni ħafna. Għaldaqstant, huwa kkonkluda li d-differenzi bejn is-sinjali inkwistjoni kienu suffiċjentement importanti sabiex tiġi eskluża l-probabbiltà ta' konfużjoni.

10 Barra minn hekk, il-Bord tal-Appell qies li l-kundizzjoni li tipprovdi li, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, għandu jeżisti livell ta' xebh tali bejn it-trade marks konfliġġenti li l-pubbliku kkonċernat jistabbilixxi rabta bejniethom, ma ġietx sodisfatta.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

11 B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Ġunju 2007, Harman ippreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti invokat żewġ motivi bbażati fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 u fuq il-ksur tal-Artikolu 8(5) tal-istess regolament rispettivament.

12 Meta laqgħet l-ewwel wieħed minn dawn il-motivi, il-Qorti Ġenerali, permezz tas-sentenza appellata, annullat id-deċiżjoni kkontestata, qieset li l-Bord tal-Appell żbalja meta kkonkluda li t-trade mark konfliġġenti kienu distinti b'mod ċar. Wara li rrilevat, fil-punt 33 tas-sentenza appellata, li dawn it-trade marks kienu jippreżentaw ċertu xebh fuq il-livell viżiv u dak fonetiku kif kien ikkonstata l-Bord tal-Appell, hija qieset, fil-punt 34 tal-imsemmija sentenza, li l-Bord tal-Appell kien għamel evalwazzjoni żbaljata tal-importanza relattiva tal-element "Becker" meta mqabbla mal-element: "Barbara".

13 Fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, billi rreferiet għas-sentenza tagħha tal-1 ta' Marzu 2005, Fusco vs UASI - Fusco International (ENZO FUSCO) (T-185/03, Ġabra p. II-715, punt 54), irrilevat, fil-punt 35 tas-sentenza appellata, li l-ġurisprudenza kienet aċċettat li, tal-anqas fl-Italja, il-konsumaturi jattribwixxu, bħala regola ġenerali, karattru distintiv iktar ogħli lill-kunjom milli lill-isem fi trade mark, b'mod li l-kunjom "Becker" kien jista' jiġi attribwiet karattru distintiv iktar ogħli minn dak tal-isem "Barbara" fit-trade mark komposta.

14 Fit-tieni lok, hija ddikjarat, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li l-fatt li B. Becker kienet magħrufa fil-Ġermanja bħala l-ex mara ta' Boris Becker ma kienx ifisser li, fuq livell kunċettwali, it-trade marks konfliġġenti kienu jixxiebhu. Fil-fatt, hija rrilevat li dawn it-trade marks kienu jirreferu għall-istess kunjom u kienu għaldaqstant jixxiebhu, dan

b'mod iktar speċifiku peress li, f'parti tal-Unjoni Ewropea, l-element "Becker" tat-trade mark Barbara Becker kien, bħala kunjom, jista' jiġi attribwit karattru distintiv iktar ogħli minn dak tal-element "Barbara", li huwa sempliċement isem.

15 Fit-tielet lok, billi rreferiet għas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2005, Medion (C-120/04, Ġabra p. I-8551, punti 30 u 37), il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 37 tas-sentenza appellata, li l-element "Becker", anki jekk ma kienx l-element dominanti tat-trade mark komposta, ikun ipperċepit bħala kunjom, li kien normalment użat sabiex jiddeskrivi persuna, u jżomm pożizzjoni distintiva awtonoma fl-imsemmija trade mark.

16 Għaldaqstant, filwaqt li rrilevat li l-identità u x-xebh tal-prodotti msemmija mit-trade marks konfliġġenti ma kinux ikkontestati u li l-imsemmija trade marks kienu jippreżentaw xebh viżiv, fonetiku u kunċettwali, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 40 tas-sentenza appellata, iddeċidiet li teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejniethom, għalkemm il-prodotti inkwistjoni kienu intiżi għal pubbliku li kellu livell ta' attenzjoni relattivament għoli.

17 Fl-aħħar lok, fil-punti 41 u 42 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li din il-konstatazzjoni ma kinitx invalidata mill-argument tal-UASI li jipprovdi li trade mark komposta u trade mark oħra jistgħu jitqiesu li jixxiebhu biss jekk il-komponent komuni jikkostitwixxi l-element dominanti fl-impressjoni globali prodotta mit-trade mark komposta. Ukoll, hija eskludiet l-argument ta' B. Becker li jgħid li l-ġurisprudenza dwar trade marks komposti ma kinitx applikabbi għal dan il-każ minħabba l-fatt li t-trade mark Barbara Becker kienet tikkonsisti f'isem u f'kunjom.

It-talbiet tal-partijiet

18 Bl-appell tagħha, l-appellanti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata sa fejn hija annullat d-deċiżjoni kkontestata u kkundannatha għall-ispejjeż. Barra minn hekk, hija titlob il-kundanna tal-appellata għall-ispejjeż.

19 Harman titlob, essenzjalment, li l-appell jiġi miċħud u li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

20 L-UASI jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata u li Harman tiġi kkundannata għall-ispejjeż inkorsi minnha.

Fuq l-appell

L-*argumenti tal-partijiet*

21 Insostenn tal-appell tagħha, B. Becker tinvoka aggravju wieħed, ibbażat fuq l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94. Hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta qieset li jeżisti xebh bejn it-trade marks konfliġġenti u li għaldaqstant applikat b'mod żbaljat din id-dispożizzjoni meta kkonkludiet li hemm probabbiltà ta' konfużjoni.

22 Fl-ewwel lok, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq is-sentenza tagħha Fusco vs UASI — Fusco International (ENZO FUSCO), iċċitata iktar 'il fuq, li tipprovdi li l-konsumaturi Taljani jattribwixxu karattru distintiv iktar ogħli lill-kunjom milli lill-isem fi trade mark. F'dan ir-rigward hija tosserva li, f'sentenza iktar reċenti, tat-12 ta' Lulju 2006, Rossi vs UASI - Marcorossi (MARCOROSSI) (T-97/05, punti 46 u 47), il-Qorti Ġenerali rrilevat li tali regola ġenerali ma tapplikax awtomatikament f'kull sitwazzjoni, peress li kull każ għandu jiġi eżaminat individwalment, u li l-kunjom, komuni għaż-żewġ trade marks f'din il-kawża, ma kienx suffiċjentement dominanti f'dawn iż-żewġ trade marks sabiex iwassal għal probabbiltà ta' konfużjoni.

23 Fit-tielet lok, l-appellanti sssostni li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat mis-sentenza Medion, iċċitata iktar 'il fuq, li l-element "Becker" kellu pożizzjoni distintiva fit-trade mark komposta b'mod li ż-żewġ trade marks konfliġġenti kellhom jitqiesu li jixxiebhu. Din is-sentenza kienet sempliċement iddikjarat li mhux biżżejjed li terz iżid l-isem tal-impriża tiegħu mat-trade mark irreġistrata sabiex jitlob protezzjoni għat-trade mark komposta tiegħu. Fl-ebda każ ma għandha tinftiehem li tistabbilixxi regola ġenerali li tipprovdi li kwalunkwe element maqsum bejn żewġ trade marks għandu jitqies bħala distintiv anki jekk mhuwiex dominanti.

24 Barra minn hekk, l-imsemmija sentenza kienet tirrigwarda trade marks li ma setgħux jiġu mqabbla ma' dawk inkwistjoni f'din il-kawża. Fil-fatt, din il-kawża, ma tirrigwardax l-imitazzjoni ta' trade mark preċedenti li l-isem ta' impriżi ġie miżjud magħha, iżda tirrigwarda modifika tat-trade mark preċedenti permezz taż-żieda ta' isem quddiem il-kunjom. Il-pubbliku kkonċernat jipperċepixxi s-sinjal "Barbara" bħala l-isem ta' persuna ta' sess femminili, filwaqt li l-isem "Becker", li huwa komuni ħafna, mhuwiex suffiċjentement individwalizzat sabiex jippermetti xebh kunċettwali bejn it-trade marks inkwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 meta ddikjarat li l-element "Becker" huwa sempliċement isem, peress li l-impressjoni globali tat-trade mark li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni hija affettwata b'mod determinanti biż-żieda tal-isem, sa fejn tittrassmetti sinjifikat kunċettwali totalment ġdid lill-kunjom "Becker".

25 L-UASI jaqbel, essenzjalment, mal-motivi invokati mill-appellanti. Fil-fatt, huwa jsostni li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-elementi kollha rilevanti tal-każ sabiex teżamina l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni meta kkunsidrat żbaljatament l-evalwazzjoni fattwali mogħtija fis-sentenza Fusco vs UASI — Fusco International (ENZO FUSCO), iċċitata iktar 'il fuq, li tikkostitwixxi dispożizzjoni legali u meta applikat awtomatikament il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Medion, iċċitata iktar 'il fuq.

26 Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali naqset, b'mod partikolari, milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-isem fit-trade mark li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni huwa isem Ġermaniż komuni ħafna. Hija naqset, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li tistabbilixxi jekk il-fatt li B. Becker hija ċelebrità kienx ta' natura li jinnewtralizza x-xebh fonetiku u viżiv tas-sinjali inkwistjoni. Bl-istess mod, hija kkunsidrat żbaljament li l-element "Becker" kien jokkupa pożizzjoni distintiva awtomatika mingħajr ma analizzat l-impatt taċ-ċelebrità ta' B. Becker fuq il-perċezzjoni tal-konsumaturi.

27 Waqt is-seduta, l-UASI żied li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeduċiet mill-konstatazzjoni tagħha, li tgħid li t-tieni parti tas-sinjal kellu karattru distintiv domimanti meta mqabbla mal-ewwel, li hija kellha wkoll pożizzjoni distintiva awtonoma.

28 Min-naħa l-oħra, Harman toġġezzjona għall-aggravju mressqa mill-appellanti. Minn naħa, hija ssostni li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali rreferiet għas-sentenza Fusco vs UASI — Fusco International (ENZO FUSCO), iċċitata iktar 'il fuq, bħala linja gwida u mhux bħala dispożizzjoni legali li tapplika għas-sitwazzjonijiet kollha. Barra minn hekk, hija tosserva li dan ir-riferiment mhuwiex determinanti fir-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali sabiex tikkonkludi fuq l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni.

29 Min-naħa l-oħra, hija tapprova l-analiżi magħmula mill-Qorti Ġenerali, fir-rigward tal-pożizzjoni distintiva awtonoma tal-element "Becker", li hija konforma, fl-opinjoni tagħha, mas-sentenza Medion, iċċitata iktar 'il fuq.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 Peress li l-appellanti kkritikat lill-Qorti Ġenerali li applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, għandu jitfakkar li, skont id-dispożizzjoni, meta ssir oppożizzjoni mill-propretarju ta' trade mark preċedenti, ir-reġistrazzjoni ta' trade mark hija rrifjutata meta, minħabba identiċità jew xebh bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabbilta' ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta.

31 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li tikkostitwixxi probabbiltà ta' konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, il-probabbiltà li l-pubbliku jista' jaħseb li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni jkunu ġejjin mill-istess impriża jew, skont il-każ, minn impriżi marbuta ekonomikament [ara s-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, p. I-4529, punti 33, u tal-20 ta' Settembru 2007, Nestlé vs UASI, C-193/06 P, punt 32; kif ukoll, f'dan is-sens, fir-rigward tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92), is-sentenzi tad-29 ta' Settembru 1998, Canon, C-39/97, Ġabra p. I-5507, punt 29; tat-22 ta' Ġunju 1999, Lloyd Schuhfabrik Meyer, C-342/97, Ġabra p. I-3819, punt 17, u tas-6 ta' Ottubru 2005, Medion, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26].

32 L-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku għandha tiġi evalwata b'mod ġenerali billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti tal-każ partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1997, SABEL, C-251/95, Ġabra p. I-6191, punt 22; kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Lloyd Schuhfabrik Meyer, punt 18; Medion, punt 27; UASI vs Shaker, punt 34, u Nestlé vs UASI, punt 33).

33 Skont ġurisprudenza daqstant stabbilita, l-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni għandha, għal dak li jirrigwarda x-xebh viżiv, fis-smigħ jew kunċettwali tat-trade marks inkwistjoni, tkun ibbażata fuq l-impressjoni ġenerali prodotta minnhom, fejn tingħata attenzjoni partikolari għall-elementi distintivi u dominanti tagħhom. Il-perċezzjoni tat-trade marks li l-konsumatur medju għandu tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni tgawdi minn rwol determinanti fl-evalwazzjoni ġenerali ta' din

il-probabbiltà. F'dan ir-rigward, il-konsumatur medju normalment jipperċepixxi trade mark fit-totalità tagħha u ma joqgħodx jeżamina d-dettalji differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq SABEL, punt 23, Lloyd Schuhfabrik Meyer, punt 25, Medion, punt 28; UASI vs Shaker, punt 35, u Nestlé vs UASI, punt 34).

34 Fil-punti 30 u 31 tas-sentenza Medion, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li madankollu, apparti mill-każ normali li fih il-konsumatur medju jipperċepixxi trade mark fl-intier tagħha, ma jistax ikun eskluż li, f'każ partikolari, trade mark preċedenti, użata minn terz f'sinjal kompost li jinkludi l-isem tal-impriża ta' dan it-terz, iżomm pożizzjoni distintiva awtonoma fis-sinjal kompost, mingħajr madankollu ma jikkostitwixxi l-element dominanti. F'tali ipoteżi, l-impressjoni ġenerali prodotta mis-sinjal kompost jista' jwassal lill-pubbliku sabiex jaħseb li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni kienu ġejjin, tal-anqas, minn impriża marbuta ekonomikament, f'liema każ trid tkun meqjusa l-eżistenza tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

35 F'dan il-każ, wara li fakkret ir-regoli kollha msemmija fil-punti 30 sa 33 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet essenzjalment, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tax-xebh tat-trade marks konfliġġenti fuq il-livell kunċettwali, l-ewwel nett, li peress li l-konsumaturi jattribwixxu, bħala regola ġenerali, f'parti tal-Unjoni, karatttru distintiv iktar ogħli lill-kunjom mill-isem fis-sinjal verbali, l-element "Becker" tat-trade mark li għaliha ntalbet ir-reġistrazzjoni seta' jattribwixxi karattru distintiv iktar ogħli minn dak tal-element "Barbara", it-tieni nett, li l-fatt li B. Barbara kienet magħrufa fil-Ġermanja ma kellux rilevanza fuq ix-xebh tat-trade marks konfliġġenti peress li dawn jirreferu għall-istess kunjom u l-element "Barbara" kien biss isem, u, it-tielet nett, li l-element "Becker" iżomm pożizzjoni distintiva awtonoma fit-trade mark komposta peress li jkun ipperċepit bħala kunjom.

36 Għalkemm huwa possibbli li, f'parti tal-Unjoni, il-kunjom ikollu, bħala regola ġenerali, karattru distintiv iktar ogħli minn dak tal-isem, jeħtieġ madankollu, f'kull każ, li jittieħdu inkunsiderazzjoni fatturi speċifiċi għall-każ u, b'mod partikolari, il-fatt li l-kunjom inkwistjoni huwa rari jew, għall-kuntrarju, komuni ħafna, li jista' jkollu effett fuq dan il-karattru distintiv. Dan japplika għalhekk għall-kunjom "Becker" li l-Bord tal-Appell irrileva li għandu karattru komuni.

37 Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll jekk il-persuna li titlob li l-isem u l-kunjom tagħha, meħuda flimkien, jiġu rreġistrati bħala trade mark hijiex magħrufa sewwa, peress li dan il-fattur jista', ovvjament, ikollu influwenza fuq il-perċezzjoni tat-trade mark mill-pubbliku rilevanti.

38 Barra minn hekk, hemm lok li jitqies li, fi trade mark komposta, kunjom ma jzommx f'kull każ pożizzjoni distintiva awtonoma biss minħabba li hija ser tiġi pperċepita bħala kunjom. Il-konstatazzjoni ta' tali pożizzjoni tista', fil-fatt, tiġi bbażata fuq eżami tal-fatturi kollha rilevanti tal-każ.

39 Barra minn hekk, kif jirrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-motivi li serħet fuqhom il-Qorti Ġenerali sabiex tikkonkludi fuq l-eżistenza ta' xebh kunċettwali tat-trade marks konfliġġenti, għalkemm huma kienu ddikjarati inkonsistenti mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, jistgħu jagħtu lok sabiex wieħed jaħseb li kull kunjom li jikkostitwixxi trade mark jista' effettivament jipprekludi r-reġistrazzjoni ta' trade mark komposta minn isem u minn dan il-kunjom, anki jekk, pereżempju, dan tal-aħħar huwa komuni jew iż-żieda tal-isem jista' jkollu effett, mill-perspettiva kunċettwali, fuq il-perċezzjoni mill-pubbliku rilevanti tat-trade mark komposta b'dan il-mod.

40 Minn dak kollu li ntqal preċedentement jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta bbażat l-evalwazzjoni tagħha tax-xebh tat-trade mark mill-perspettiva kunċettwali fuq kunsiderazzjonijiet ġenerali bbażati fuq il-ġurisprudenza mingħajr ma analizzat il-fatturi kollha rilevanti speċifiċi għall-kawża, kuntrarjament għar-rekwiżit ta' evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha rilevanti tal-każ, u bbażati fuq l-impressjoni ġenerali prodotta mit-trade marks konfliġġenti.

41 Minn dan isegwi l-aggravju bbażat fuq ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 għandu jintlaqa' u li, għaldaqstant, is-sentenza annullata għandha tiġi annullata u l-kawża rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali.

42 Peress li l-kawża ġiet irrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-2 ta' Diċembru 2008, Harman International Industries vs UASI — Becker (Barbara Becker) (T-212/07), hija annullata.

2) Il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Firem